



Brussell, 17 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11326/24

ENV 674
CLIMA 253
DEVG 91
ECO 24
SAN 388
PECH 255
AGRI 529
IND 325
CHIM 51
ENER 317
RECH 320
TRANS 313

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.	11003/24
Suġġett:	Rieżami ta' nofs it-terminu tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali – It-triq 'il quddiem lejn tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva għal Ewropa sostenibbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4302 laqgħa tiegħu li saret fis-17 ta' Ġunju 2024.

Rieżami ta' nofs it-terminu tat-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali – It-triq 'il quddiem lejn tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva għal Ewropa sostenibbli

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE fl-iżgurar ta' leġislazzjoni ambizzjuża dwar l-azzjoni ambjentali u klimatika; IFAKKAR fid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni (it-tmien EAP) u l-oġettiv prijoritarju fit-tul tiegħu "li sa mhux aktar tard mill-2050, il-persuni jgħixu tajjeb, fi ħdan il-limiti planetarji f'ekonomija tal-benesseri fejn ma jinħela xejn, it-tkabbir ikun riġenerattiv, tkun inkisbet in-newtralità klimatika fl-Unjoni u l-inugwaljanzi jkunu tnaqqsu b'mod sinifikanti"; JISĦAQ fuq l-impenn u l-ħtieġa li jitkomplew il-Programmi ta' Azzjoni Ambjentali lil hinn mill-2030 sabiex , fost l-oħrajn, jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà kompetittiva fl-ekonomija u l-industrija tal-UE u biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u inklużiva fi ħdan il-limiti planetarji;
2. JISĦAQ FUQ l-importanza li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġu indirizzati l-effetti negattivi kumulattivi tal-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis minħabba l-impatti devastanti, u l-intensità u l-frekwenza dejjem akbar ta' avvenimenti relatati mal-klima għall-ekosistemi u s-servizzi tagħhom, is-saħħa, l-ekonomiji, il-ġustizzja soċjali, id-drittijiet tal-bniedem u l-koeżjoni; JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa li jinbidlu x-xejriet ta' produzzjoni u konsum mhux sostenibbli, jissaħħu l-adattament u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, jissaħħu l-ekonomija ċirkolari ħielsa mis-sustanzi tossiċi u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva kif ukoll il-ħtieġa li jitreggġghu lura x-xejriet negattivi li qed jaffettwaw l-ekosistemi; JENFASIZZA li r-riċerka turi li l-UE u d-dinja diġà qabżu diversi limiti planetarji;

3. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati bis-sħiħ li jimplimentaw l-Aġenda 2030 u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, bħala l-pjan ta' azzjoni kollettiv biex is-sostenibbiltà, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jitqiegħdu fil-qalba tal-azzjonijiet ta' politika fil-livell tal-UE, u ħadd ma jitħalla jibqa' lura;
4. JAGĦRAF li tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva tippreżenta opportunità biex tittejjeb is-saħħa tan-nies, jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività ekonomika Ewropea, jiġi protett, restawrat u promoss l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, jinħolqu impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità għolja, jiġu indirizzati l-inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali u jissaħħu d-demokrazija, is-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa u tiġi żgurata l-paċi; IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija Ekoloġika tal-UE adottati f'Marzu 2024 u b'mod partikolari l-kundanna determinata tagħhom tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, sors ta' ħsarat kbar lill-ambjent, riskji għas-sikurezza u l-enerġija nukleari u s-sigurtà tal-ikel; JISSOTTOLINJA li din it-tranżizzjoni tirrikjedi wkoll sinerġiji bejn l-oġettivi ambjentali, soċjali u ekonomiċi, inkluż bl-integrazzjoni tal-approċċ Saħħa Waħda fil-politiki settorjali kollha, li tippermetti diskussjonijiet strutturali dwar il-koerenza tal-politika u dwar kwistjonijiet trasversali, fl-istituzzjonijiet u bejniethom inkluż fil-livell reġjonali u lokali, b'kont meħud tal-pluralità tal-oqfsa ta' governanza nazzjonali u l-evitar ta' piż amministrattiv bla bżonn; JIRRIKONOXXI s-sitwazzjoni unika tar-reġjuni insulari u r-reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni, kemm f'termini tar-riżorsi naturali, tal-bijodiversità kif ukoll tal-isfidi ambjentali speċifiċi li jiffaċċaw;

5. JIRRIKONOXXI l-kontribut tal-Patt Ekoloġiku Ewropew (EGD) bħala strateġija integrata ta' tkabbir għal Ewropa sostenibbli li wassal għall-adozzjoni ta' inizjattivi leġislattivi ewlenin bħall-pakkett Lesti għall-mira ta' 55 %, il-liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, il-pakkett leġislattiv dwar il-politika dwar il-Prodotti Sostenibbli, inkluż ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal prodotti sostenibbli (ESPR), il-pakkett dwar il-Finanzi Sostenibbli; JAQBEL li inizjattivi leġislattivi bħal dawn jippermettu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jagħmlu progress lejn il-kisba tal-oġettiv fit-tul tal-EAP; JAGĦRAF il-valur miżjud ta' strateġiji bħall-Istrateġija tal-UE tal-2021 dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, l-Istrateġija l-Ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030, u l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, kif ukoll ta' pjanijiet ta' azzjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero u t-tneġġija ta' mekkaniżmi ewlenin bħall-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta;
6. JILQA' r-rwol ewleni tal-UE fix-xena internazzjonali u r-risultati miksuba fi ħdan fora ambjentali multilaterali bħal fil-kuntest tal-Konvenzjonijiet ta' Basel, Rotterdam, Stokkolma u Minamata, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, il-Ftehim dwar il-Konservazzjoni u l-Użu Sostenibbli tal-Bijodiversità Marina fiż-Żoni lil hinn mill-Ġurisdizzjoni Nazzjonali (BBNJ), il-Ftehim ta' Pariġi, il-Patt ta' Glasgow, il-Qafas Globali dwar is-Sustanzi Kimiċi, il-kunsens tal-UAE u l-UNEA 5 u 6, inkluż ir-Risoluzzjoni dwar Pestiċidi Perikolużi Ħafna, u JINNOTA r-risoluzzjoni tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa dwar l-impatt tas-sustanzi kimiċi, l-iskart u t-tniġġis fuq is-saħħa tal-bniedem;

7. JISSOTTOLINJA r-rwol pożittiv ewlieni tal-agrikoltura, inkluż fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel għaċ-ċittadini tal-UE , u fil-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tqis ir-riżultati tad-djalogu strateġiku u d-diskussjoni li għaddejja fil-Kunsill dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE sabiex tinkiseb b'suċċess it-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli adattati għat-tibdil fil-klima, li jiggarrantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u introjtu ġust għall-bdiewa, żoni rurali b'saħħithom, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea u l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tiġi ppreservata ekonomija miftuħa, kif ukoll livell għoli ta' prestazzjoni tas-saħħa u ambjentali, inkluż fir-rigward tal-bijodiversità u l-protezzjoni tan-natura, il-konservazzjoni u r-restawr, filwaqt li jitqiesu l-impatti soċjoekonomiċi tat-tranżizzjoni;
8. JIEĦU NOTA tar-Rapport ta' monitoraġġ tal-2023 dwar il-progress lejn l-oġġettivi tat-tmien EAP tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent li jindika l-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet abilitanti, li jitressqu 'l quddiem politiki u miżuri addizzjonali meta jkun meħtieġ u jiġu integrati politiki relatati mal-ambjent u t-tibdil fil-klima f'oqsma ta' politika oħra;
9. JILQA' r-Rieżami ta' nofs it-terminu tat-tmien EAP; JISSOTTOLINJA li l-implimentazzjoni tal-inizjattivi leġiżlattivi adottati skont il-EGD ser tkun kruċjali biex jintlaħqu l-oġġettivi prijoritarji tat-tmien EAP; JITLOB lill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/591, biex tippreżenta proposta leġiżlattiva ħalli jiżdied anness mat-tmien EAP b'azzjonijiet għall-perjodu ta' wara l-2025 sabiex tinżamm il-kontinwità u l-ambizzjoni tiegħu, b'kont meħud ta' dawn il-konklużjonijiet u r-riżultati tar-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu; JAPPELLA lill-Kummissjoni tikkunsidra azzjonijiet li jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni; JISSUĠĠERIXXI li l-Istati Membri jorganizzaw djalogu politiku annwali ta' livell għoli fil-livell ministerjali biex jittieħed kont tal-progress lejn l-oġġettivi tat-tmien EAP;

10. JIEĦU NOTA ta' komunikazzjonijiet reċenti mill-Kummissjoni bħall-komunikazzjonijiet "Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta", "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi nipproteġu l-poplu u l-prosperità", u "Lejn Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju ambizzjuża għall-UE", u ta' rapporti reċenti, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak dinji, bħar-Rapport tan-NU tal-2023 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli: Special edition: Towards a Rescue Plan for People and Planet, il-Global Resources Outlook 2024 tal-International Resource Panel u r-rapporti tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) "Aċċellerazzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-Ewropa - L-Istat u l-Prospetti 2024" u dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa;
11. JILQA' l-preżentazzjoni tar-rapport ta' Letta "Much More Than A Market" u; JIEĦU NOTA tal-messaġġ tiegħu li t-tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u diġitali hija kruċjali biex ikollna futur sostenibbli u prosperu, inkluż il-ħtieġa li jiġi żviluppat Suq Uniku Ċirkolari sabiex tinholq ekonomija li tibqa' valida għall-futur, peress li dan ser jappoġġa s-sostenibbiltà ambjentali filwaqt li fl-istess ħin jixpruna t-tkabbir ekonomiku; IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' April 2024, li jikkonfermaw l-impenn tal-UE għal tkabbir sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa kollha; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' approċċ integrat għad-diplomazija ekoloġika, il-kummerċ u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab u fix-xena multilaterali biex jitjiebu u jiġu promossi l-istandards ambjentali madwar id-dinja waqt li ssir ħidma lejn tranżizzjoni globali u ekoloġika, ġusta u inklużiva; JIRRIMARKA li s-sostenibbiltà kompetittiva tal-industrija Ewropea u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-kumpaniji kollha, li jinċentivahom isegwu standards ambjentali u soċjali għoljin, ser ikunu kruċjali f'dan ir-rigward

12. JIRRIKONNOXXI l-interkonnessjonijiet bejn l-azzjoni ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni tar-riskju klimatiku, u għalhekk l-importanza ta' azzjoni rapida għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, peress li hemm limiti fiżiċi għall-kapaċità tas-soċjetà li tadatta għal riskji klimatiċi dejjem aktar severi;
13. IFAKKAR fil-benefiċċji importanti tal-azzjoni klimatika għall-indipendenza enerġetika tal-UE, it-tnaqqis fid-dipendenza tagħha mill-fjuwils fossili , inkluż mill-fjuwils fossili Russi, malajr kemm jista' jkun, it-tnaqqis fl-ispejjeż u l-esponiment għal xokkijiet futuri, flimkien ma' kobenefiċċji bħal impatt iżgħar tat-tniġġis tal-arja u tipi oħra ta' tniġġis, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ekosistemi u s-servizzi tagħhom; JENFASIZZA li l-iżgurar tas-sigurtà u l-benesseri taċ-ċittadini tal-UE jiddependi mill-iżgurar ta' investimenti f'azzjoni klimatika effettiva, f'termini tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tagħna, it-tisħiħ ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u t-tisħiħ tar-reżiljenza għar-riskji klimatiċi;
14. JINNOTA l-importanza li tintlaħaq bis-sħiħ il-mira għall-2030 ta' tnaqqis nett tal-gassijiet serra tal-UE bħala pass 'il quddiem lejn in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 u bl-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, għall-implimentazzjoni tal-impenn tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, u li jingħata eżempju biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni; f'dan ir-rigward, JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni rapida u sħiħa tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", b'kont meħud li din iġġib magħha opportunitajiet u sfidi li jeħtieġ jiġu indirizzati; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex taħdem mal-Istati Membri fil-kuntest tal-NECPS aġġornat biex tipprovdi ċertezza tal-investiment;

15. JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ta' politika stabbli u prevedibbli biex jipprovd i ċarezza għall-investituri, inklużi n-negozji, iċ-ċittadini kif ukoll daw k li jfasslu l-politika, u l-ħtieġa ta' deċizzjoni dwar mira intermedja għall-2040 fi żmien debitu, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi, u f'konformità mal-għan ta' temperatura ta' 1.5 gradi, filwaqt li jitqiesu l-eżiti tar-rendikont globali; IĦEĠĠEĠ lill-Presidenzi futuri tal-Kunsill ikomplu d-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet fuq bażi kontinwa sabiex jiżguraw il-preżentazzjoni tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) li jmiss tal-UE ferm qabel il-COP30; IFAKKAR fil-ħtieġa li s-setturi ekonomiċi kollha jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u JIRRIKONOXXI li t-tranżizzjoni ser tirrikjedi l-kundizzjonijiet abilitanti meħtieġa, inkluż tranżizzjoni ġusta u inklużiva, industrija kompetittiva u settur agrikolu u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni mas-sħab internazzjonali; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-qafas ta' abilitazzjoni neċessarju, permezz ta' użu mmirat sew tal-miżuri tal-UE u daw k nazzjonali; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu pprovduti inċentivi aħjar biex jidiedu l-assorbiment tal-karbonju bbażat fuq l-art u l-assorbiment industrijali tal-karbonju sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE;

Tħejjija għar-riskji u reżiljenza għall-klima

16. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi - niproteġu l-poplu u l-prosperità" u ir-rapport tal-EEA dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa (EUCRA); JINNOTA BI TĦASSIB li ħafna mir-riskji identifikati laħqu livelli kritiċi u jistgħu jsiru katastrofiċi għajr jekk tittieħed azzjoni urġenti u deċiżiva;
17. JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex issegwi l-Komunikazzjoni tagħha b'rispons ta' politika sistemiku fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha filwaqt li tiżgura azzjoni aktar effettiva u proattiva dwar il-ġestjoni tar-riskju klimatiku, inkluż billi, fejn xieraq, issaħħaħ il-leġislazzjoni eżistenti;

18. JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tkompli valutazzjonijiet regolari tar-riskju klimatiku fl-UE kollha, b'kont meħud ukoll taċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi;
19. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri, tiżviluppa għodod effiċjenti biex timmonitorja l-progress lejn it-tnejn għar-riskji fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, b'enfasi fuq l-eżiti aktar milli fuq l-outputs;
20. JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport Finali tad-Djalogu dwar ir-Reżiljenza għall-Klima; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw ulterjorment soluzzjonijiet biex jitnaqqas id-distakk fil-protezzjoni tal-klima, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu inkentivati miżuri ta' adattament preventiv;
21. JENFASIZZA l-ħtieġa għal sforzi kontinwi biex jiżdiedu l-kooperazzjoni u l-finanzjament internazzjonali bl-għan li jissaħħu r-reżiljenza għall-klima u t-tnejn għar-riskji fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar vulnerabbli, inkluż it-tisħiħ tal-aċċess għall-finanzjament; JAPPELLA GĦAL approċċ sistemiku u koerenti tal-UE fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima, it-tniġġis, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, it-teħid tal-art u t-telf tal-bijodiversità, speċjalment permezz taż-żieda fl-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;
22. JENFASIZZA r-rwol regolatorju importanti taċ-ċikli tal-ilma għall-ekosistemi, il-ħajja tal-bniedem u l-funzjonament tal-ekonomija u tas-soċjetà tagħna; JIRRIKONOXXI l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq id-disponibbiltà u s-sigurtà tal-ilma; JAPPELLA GĦAL inizjattiva dwar ir-reżiljenza tal-ilma, inkluż l-allinjament u r-reviżjoni tal-politiki rilevanti tal-UE biex jiġu integrati aħjar il-kunsiderazzjonijiet tal-ilma, l-oġettivi ta' konservazzjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri fejn meħtieġ biex jiġi żgurat approċċ komprensiv minn isfel għal fuq li jiffoka fuq il-kisba tad-disponibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-ilma permezz tal-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħall-konservazzjoni u r-restawr ta' artijiet mistagħdra u ekosistemi oħra tal-ilma ħelu u l-iżvilupp, fejn meħtieġ, ta' riżorsi tal-ilma mhux konvenzjonali, u l-espanzjoni ta' infrastruttura ħadra blu, u l-integrazzjoni ta' approċċ "xprunat mill-ilma u l-ħamrija" fil-ġestjoni tat-territorju;

23. JAGĦRAF ir-rabtiet sodi bejn ekosistemi b'saħħithom, il-bijodiversità u l-kapaċità tan-natura li taqbad u taħżen b'mod sikur il-karbonju u r-rwol vitali tagħhom fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih;

Ekonomija Ċirkolari u ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi

24. JAGĦRAF li l-użu insostenibbli tar-riżorsi jixpruna l-kriżi planetarja tripla; JIRRIKONNOXXI l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bħala għodod determinanti f'dak ir-rigward; JISSOTTOLINJA li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, kemm għall-materjali limitati kif ukoll għal dawk rinnovabbli, ser isservi bħala għodda biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-klima, ir-riżorsi naturali u l-ekosistemi, bil-benefiċċju addizzjonali li din l-ekonomija ser tkun aċċelleratur ekonomiku u industrijali għall-Ewropa, li tixpruna l-innovazzjoni u l-impjiegi sistemiċi u sostenibbli filwaqt li żżid l-awtosuffiċjenza tal-UE fir-rigward tal-materja prima kritika;
25. JAGĦRAF li l-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-UE għadhom ferm lil hinn minn dak li jitqies sostenibbli fi ħdan il-limiti planetarji u li l-progress fl-użu ċirkolari tal-materjali huwa bil-mod wisq biex jintlaħqu l-oġettivi tat-tmien EAP; għalhekk JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li t-tkabbir jiġi diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-impatti tiegħu billi jiġu stimulat i teknoloġiji u mudelli ta' negozju li jippermettu t-tnaqqis tad-domanda għar-riżorsi fil-livelli tal-produzzjoni u tal-konsum u JFAKKAR fl-impenn fit-tmien EAP biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti materjali u tal-konsum tal-Unjoni sabiex jiddaħħlu fil-limiti planetarji malajr kemm jista' jkun, inkluż permezz tal-introduzzjoni ta' miri għat-tnaqqis tal-UE, kif adatt, filwaqt li jiġu indirizzati l-fatturi sistemiċi sottostanti li jappoġġaw l-ekonomija lineari; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi promossa bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;

26. JINNOTA li l-inizjattivi tal-UE dwar prodotti sostenibbli kienu qed jappoġġjaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, iżda mhux ser ikunu biżżejjed biex jitnaqqsu l-impronti għoljin tal-konsum, minħabba livelli ta' konsum mhux sostenibbli; għalhekk JISSOTTOLINJA li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati;
27. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittieħdu aktar passi fit-terminu qasir fil-livelli kollha biex tiġi żgurata implimentazzjoni ambizzjuża u rapida tal-leġiżlazzjoni adottata b'mod partikolari l-ESPR kif ukoll li jissaħħu l-istrumenti ta' politika eżistenti l-aktar effettivi; f'dan il-kuntest JAPPELLA GĦALL-iżvilupp effettiv tal-leġiżlazzjoni sekondarja li jmiss, għall-preżentazzjoni tal-ewwel pjan ta' ħidma tal-ESPR fl-ewwel xhur tal-2025, u l-introduzzjoni rapida tar-rekwiżiti tal-Ekodisinn għal gruppi ta' prodotti speċifiċi, kif ukoll appoġġ tekniku lill-Istati Membri, b'kont meħud tal-ispeċifikitajiet nazzjonali, u lill-kumpaniji biex tiġi ffaċilitata din l-implimentazzjoni; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tistabbilixxi malajr kemm jista' jkun Pjan Strateġiku ġdid tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari, JISTIEDEN lill-Kummissjoni u, fejn rilevanti, lill-Istati Membri, biex jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin, b'enfasi partikolari fuq l-aktar sistemi intensivi fl-użu tar-riżorsi:
- a. diskussjoni ta' miżuri dwar il-prevenzjoni tal-iskart u integrazzjoni tal-ekonomija ċirkolari f'dawn sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari kif ukoll implimentazzjoni, evalwazzjoni u rappurtar effettivi, rapidi u koerenti dwar il-progress li sar biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti nazzjonali tal-materjali u tal-konsum;
 - b. provvedimenti ta' linji gwida u mekkaniżmi addizzjonali mmirati lejn it-tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq uniformi inkluż azzjonijiet li jimmiraw il-bejgħ online;
 - c. esplorazzjoni tal-possibiltajiet li l-iskemi ta' responsabbiltà tal-produttur jitwessgħu biex jinkludu aktar prodotti u jiġu inkorporati rekwiżiti minimi kompattibbli mal-oqsfa eżistenti, li jwasslu għall-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid u ħajja itwal tal-prodotti;

- d. żgurar tal-funzjonament effiċjenti ta' suq tal-materja prima sekondarja ta' kwalità għolja, tneħħija tal-ostakli finanzjarji u amministrattivi li jfixxlu l-iżvilupp tiegħu u enfasi fuq l-investment u l-innovazzjoni fil-proċessi tar-riċiklaġġ u fuq l-istabbiliment ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku inkluż billi jiġu evalwati u jekk adatt proposti strumenti, bħal strumenti ekonomiċi, rekwiżiti dwar kontenut riċiklat, u billi jitnaqqas l-użu tal-fjuwils fossili fis-settur kimiku b'mod sostenibbli, fost l-oħrajn, billi jkun hemm riflessjoni dwar l-użu tal-karbonju sostenibbli u titwassal bis-sħiħ l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, fejn ir-reviżjoni tar-REACH għandha rwol importanti;
- e. iż-żieda tal-mudelli ta' produzzjoni u konsum ċirkolari li jnaqqsu l-użu ġenerali tar-riżorsi abbażi ta' sistemi ta' proviżjonament dematerjalizzati, bħal mudelli bbażati fuq prodott bħala servizz, il-kondiviżjoni ta' prodotti jew it-tiswija;
- f. żgurar tal-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati biex, fost affarijiet oħra, jiżdied l-iskambju ta' prattiki tajba, jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' network ta' ċentri ċirkolari fil-livelli kollha u jiġu proposti miżuri biex tissaħħaħ ir-riċerka xjentifika transsettorjali Ewropea dwar l-użu tar-riżorsi;
- g. evalwazzjoni tal-integrazzjoni tal-ekonomija ċirkolari fil-politiki futuri dwar il-klima, filwaqt li tiġi appoġġata l-mira tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050;
- h. tişhih tal-pożizzjonament strateġiku tal-UE dwar l-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tar-riżorsi fil-livell globali, filwaqt li jkun hemm ħidma lejn rikonoxximent internazzjonali akbar tar-rwol tal-użu tar-riżorsi biex jintlaħqu l-għanijiet ta' sostenibbiltà, inkorporazzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi fi ftehimiet ambjentali multilaterali, żvilupp ta' strutturi ta' governanza globali, f'dak ir-rigward biex tiġi kkunsidrata l-ħidma lejn ftehim internazzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, u promozzjoni tat-tagħlim reċiproku u l-iskambji ma' pajjiżi sħab globalment, b'mod partikolari permezz taċ-Ċentru tal-UE għar-Riżorsi tal-Ekonomija Ċirkolari li għadu kif tħabbar;

28. JAPPELLA GĦAL azzjoni koordinata b'saħħitha fil-livelli kollha u għal koerenza tal-politika u l-integrazzjoni tal-ekonomija ċirkolari f'politiki u oqsma oħra tal-UE; JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi stabbilita viżjoni ambizzjuża fit-tul għall-UE lil hinn mill-2030; f'dan il-kuntest, IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, tniedi proċess komprensiv u effettiv li jwassal għal viżjoni integrata fit-tul tal-UE għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u l-użu sostenibbli tar-riżorsi, bl-għan li tippermetti bidla sistemika biex tinkiseb tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest ta' proċess bħal dan, tivvaluta:
- il-modalitajiet għal qafas ta' governanza biex jappoġġa tali viżjoni integrata fit-tul tal-UE;
 - l-istabbiliment ta' objettiv fit-tul tal-UE għall-użu sostenibbli tar-riżorsi;
 - abbażi tal-evoluzzjoni tal-indikaturi attwali u fejn meħtieġ futuri tal-Qafas ta' Monitoraġġ għall-Ekonomija Ċirkolari tal-UE, l-istabbiliment ta' miri ambizzjużi u ekonomikament fattibbli bbażati fuq ix-xjenza biex l-impronti materjali u tal-konsum jinżammu fil-limiti planetarji, u t-traduzzjoni tagħhom għal-livell nazzjonali filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi fl-Istati Membri;
 - l-istabbiliment ta' qafas legali ġenerali, l-istabbiliment tal-livell ta' ambizzjoni u strumenti ta' politika xierqa, it-tiżiż tal-koerenza u l-integrazzjoni tal-politika, u l-possibbiltà ta' implimentazzjoni effettiva, u jekk reviżjoni komprensiva tal-leġislazzjoni eżistenti tistax tkun adatta għal dan l-għan, jew huwiex meħtieġ att leġislattiv ġdid;

29. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni"; JISĦAQ li l-Kummissjoni ma wettqitx bis-sħiħ l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, b'mod partikolari r-reviżjoni tar-Regolament REACH, inkluż ir-reġistrazzjoni tal-polimeri skont ir-REACH, l-approċċ ġeneriku għall-ġestjoni tar-riskju għall-biċċa l-kbira tas-sustanzi dannużi, l-indirizzar tar-riskji kimiċi emerġenti u t-tħassib emerġenti dwar is-saħħa u l-ambjent u l-projbizzjoni tal-produzzjoni għall-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi dannużi mhux permessi fl-UE; għalhekk IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex iżżomm livell għoli ta' ambizzjoni fl-implimentazzjoni tal-istrateġija;
30. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tal-industrija tas-sustanzi kimiċi biex tavvanza t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE filwaqt li tippreserva ekonomija miftuħa; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha lejn Industrija tal-UE sostenibbli, kompetittiva u reżiljenti, kif ukoll lejn ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi;
31. IFAKKAR li n-natura persistenti tas-sustanzi Per- u polifluworoalkilati (PFAS) teħtieġ attenzjoni u azzjoni ta' prijorità u għalhekk JISSOTTOLINJA l-hteġa li l-PFAS jiġu eliminati gradwalment f'konformità mal-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà u fi proċess ġestit tajjeb, malajr kemm jista' jkun filwaqt li jiġu rispettati s-sejbiet xjentifiċi tal-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju u, fejn xieraq, iż-żmien ta' tranżizzjoni meħtieġ biex jiġu żviluppati alternattivi sikuri u sostenibbli; JIRRIKONOXXI li l-proposta għal restrizzjoni tal-PFAS għandha l-għan li tilħaq dan l-oġettiv; JISTIENEN LILL-ECHA u lill-Kummissjoni jiffinalizzaw il-valutazzjonijiet tar-riskji u tal-aspetti soċjoekonomiċi u jippreżentaw proposta għal deċiżjoni lill-Istati Membri mill-aktar fis possibbli; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tinforma regolarment lill-Kunsill dwar il-progress tal-eliminazzjoni gradwali tal-PFAS u dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-PFAS;

32. JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' metodi ta' ttestjar sodi biex jiġu identifikati l-impatti negattivi possibbli tal-esponiment għal sustanzi kimiċi u tiġi stabbilita leġislazzjoni li tiggarrantixxi l-użu sikur ta' sustanzi kimiċi fuq diversi tipi ta' karatteristiċi tossikoloġiċi, filwaqt li jiġi evitat kemm jista' jkun l-użu tal-ittestjar fuq l-annimali; JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' linji gwida għall-ittestjar, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-atturi kollha biex jippromwovu r-riproduċibbiltà u t-trasferibbiltà tar-riżultati; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa Strateġija Ewropea għal Metodu ta' Ttestjar u Validazzjoni; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw kwalunkwe xogħol b'lura li jista' jkun hemm fl-isforzi ta' validazzjoni minn qabel għall-metodi ta' ttestjar eżistenti u jinċentivizzaw finanzjament adegwat;
33. JIRRIKONOXXI l-persjoni importanti ta' nutrijenti u pestiċidi b'effetti negattivi fuq l-ambjent speċjalment fuq l-ilmijiet, il-klima, il-bijodiversità u s-saħħa tal-bniedem; JIDDISPJAĊIH għan-nuqqas ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Integrati għall-Ġestjoni tan-Nutrijenti, li jxekkel it-titjib tal-kwalità tal-ilma; JAPPELLA GĦAL djalogu mal-partijiet ikkonċernati dwar id-Direttiva dwar in-Nitrati li jippermetti lill-Istati Membri jtejbju l-kwalità tal-ilma; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu l-persjoni kkawżata mir-riskju mill-użu tal-pestiċidi fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika bħala qasam ta' prijetà għall-azzjoni, fi djalogu konstruttiv imsaħħaħ mal-partijiet ikkonċernati u l-bdiewa, filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tal-implimentazzjoni ta' prattiki tajbin bħall-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara, għall-użu sostenibbli tal-pestiċidi filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali u s-sigurtà tal-ikel;
34. JIRRIKONOXXI l-importanza ġenerali ta' ħamrija b'saħħha fil-approvizjonament u r-regolamentazzjoni tas-servizzi tal-ekosistema, li huma essenzjali għall-bijodiversità, is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel, l-użu tar-riżorsi għal bijoekonomija sostenibbli, u l-ħtieġa li jiġi segwit objettiv ta' tniġġis żero u jiġi indirizzati avvenimenti estremi tat-temp; JAPPELLA lill-Istati Membri biex iżommu u jtejbju s-saħħa tal-ħamrija, jevitaw u jtaffu l-impatti tal-issiġillar tal-ħamrija u l-qerda tal-ħamrija bħala prijetà;

35. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tibni fuq id-data ta' monitoraġġ biex tappoġġa l-fehim xjentifiku tal-effetti tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u tikseb l-oġġettiv li jiġu evitati, prevenuti jew imnaqqsa l-effetti dannużi tagħhom, fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u, fejn sejbiet xjentifiċi ġodda sostanzjali jindikaw il-ħtieġa għal dan, tivvaluta jekk l-istandards tal-kwalità tal-arja applikabbli għadhomx adatti;
36. JAGĦRAF li l-leġiżlazzjonijiet li jittrattaw l-emissjonijiet u s-sorsi tat-tniġġis minn setturi rilevanti, bħat-trasport, l-industrija, l-agrikoltura, l-enerġija u l-klima, huma kruċjali biex jippermettu tnaqqis fil-konċentrazzjoni ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-ambjenti kollha u biex jiżguraw il-konformità, pereżempju, mal-istandards tal-kwalità tal-arja; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isegwu l-konsistenza f'din il-kwistjoni;
37. JISĦAQ li d-Direttiva riveduta dwar l-emissjonijiet industrijali hija strument ewlieni biex tiġi appoġġata tranżizzjoni industrijali lejn produzzjoni sostenibbli, nadifa, newtrali għall-klima u ċirkolari; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tiżgura li jiġu żviluppati mingħajr dewmien Dokumenti ta' Referenza tal-Aqwa Tekniki Disponibbli (BAT) u li dawn ikunu adatti biex jilhqqu dawn l-għanijiet;
38. IFAKKAR fl-impenn attiv u kostruttiv tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fin-negożjati dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti biex jintemm it-tniġġis mill-plastik, inkluż fl-ambjent marin, bl-ambizzjoni li dan jiġi ffinalizzat sal-2024; JIRRIKONOXXI r-riskji għall-ambjent u s-saħħa mill-mikroplastiċi u tniġġis ieħor tal-plastik; IFAKKAR fl-impnġi fl-EGD u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari 2.0 u għalhekk JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tieħu azzjoni u tesplora aktar possibbiltajiet biex tindirizza s-sorsi kollha tal-mikroplastiks fl-ambjent permezz ta', fost affarijiet oħra, ir-restrizzjoni tal-mikroplastiċi miżjuda intenzjonalment fil-prodotti u billi tindirizza r-rilaxxi mhux intenzjonati tal-mikroplastiċi;

39. JIRRIKONOXXI l-importanza fundamentali tal-protezzjoni, il-konservazzjoni u r-restawr tan-natura, il-bijodiversità u l-ekosistemi b'saħħithom bil-funzjonijiet, is-servizzi u r-rwol essenzjali tagħhom għas-saħħa tal-bniedem, il-benesseri, il-kapaċità ta' adattament għat-tibdil fil-klima, u r-reżiljenza ekonomika u soċjali, kif ukoll il-ħtieġa li l-bijodiversità titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru sal-2030 u li jiġu indirizzati b'mod effettiv il-fatturi diretti u indiretti tat-telf tal-bijodiversità; IFAKKAR li konnettività ekoloġika effettiva u networks ta' infrastruttura ekoloġika u blu li jiffunzjonaw tajjeb, fil-pajsaġġi Ewropej u madwar l-UE, huma kundizzjonijiet fundamentali għall-funzjonament tal-ekosistemi; JIBQA' IMPENJAT LI jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal; għalhekk JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri biex jippreżentaw miri nazzjonali allinjati u/jew Strateġiji u Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Bijodiversità fil-ħin għas-16-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika f'Ottubru 2024;
40. ITENNI l-appell tiegħu biex il-bijodiversità tiġi integrata bis-siġħ fil-pjanijiet u l-politiki settorjali u transsettorjali rilevanti filwaqt li jiġi żgurat approċċ integrat; JAPPELLA LILL-Istati Membri biex jintegraw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema u biex jagħmlu progress lejn ekonomiji u soċjetajiet pożittivi għan-natura; JILQA' l-isforzi biex tiġi żviluppata aktar bażi ta' għarfien robusta dwar il-bijodiversità fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri;

41. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-ambjent notturn naturali u l-ħtieġa li dan jiġi ppreservat; JAPPELLA LILL-Kummissjoni biex tapprofondixxi l-fehim xjentifiku tat-tniġġis tad-dawl u l-effetti tiegħu fuq il-bijodiversità u diversi ekosistemi, bl-użu ta' data satellitari eżistenti, bl-għan li tipprevjeni u timminimizza l-impatti negattivi tiegħu;
42. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni fl-UE, u JITLOB lill-Kummissjoni tipproponi Pjan ta' Azzjoni integrat għall-UE kollha għall-ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, id-Degradazzjoni tal-Art u n-Nixfa, bl-għan li tinkiseb in-Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art sal-2030, ibbażata fuq valutazzjoni sħiħa tal-impatt, u tikkomplementa dan il-Pjan ta' Azzjoni b'miżuri li jappoġġaw il-ġestjoni proattiva tan-nixfa u l-fenomeni relatati tagħha fl-UE;
43. IFAKKAR fl-importanza ta' ekosistemi marini b'saħħithom u reżiljenti u l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar l-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-ambjent marini f'dan ir-rigward u li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkiseb status ambjentali tajjeb għall-ilmijiet tal-baħar billi jiġi elaborat approċċ olistiku u bbażat fuq l-ekosistema biex jiġu protetti l-ibħra u l-oċeani u jintużaw b'mod sostenibbli, kif meħtieġ mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina inkluż permezz tal-kooperazzjoni reġjonali, u t-tisħiħ tal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat; u JINNOTA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għar-ratifika u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ftehim BBNJ; IĦEĠĠEĠ lill-Istati kollha biex jagħmlu l-istess;

44. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal aċċettazzjoni soċjali, fost l-oħrajn permezz ta' komunikazzjoni attiva u djalogu miftuħ dwar il-politiki tal-EGD u l-impatt tagħhom fuq is-soċjetà, speċjalment il-partijiet l-aktar vulnerabbli tiegħu; JIRRIKONOXXI l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "l-iżvilupp tal-qafas ta' politika tal-UE għal tranżizzjoni ġusta: il-passi meħtieġa"; IFAKKAR fil-gwida pprovduta mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika u JAPPELLA lill-Istati Membri biex jimplimentawha bis-sħiħ;
45. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora modi kif tintegra t-tranżizzjoni ġusta fil-politiki u fl-oqfsa eżistenti, bħala parti mill-Patt Ekoloġiku, sabiex tindirizza l-kriżi planetarja tripla, filwaqt li tippromwovi l-ġustizzja soċjali u l-ħolqien ta' xogħol deċenti, għal implimentazzjoni sħiħa tal-SDGs; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw governanza f'diversi livelli u jsaħħu d-djalogu soċjali u s-sistemi ta' negozjar kollettiv, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż permezz tal-inklużjoni ta' gruppi emarġinati u sottorappreżentati u tal-ħidma biex dawn jintlaħqu, meta jfasslu, jimplimentaw u jevalwaw politiki biex tiġi avvanzata tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva;
46. JAPPELLA LILL-Istati Membri biex jintegraw aktar tranżizzjoni ġusta fl-istrateġiji nazzjonali li janalizzaw l-impatti soċjoekonomiċi, inkluż l-impatti fuq ix-xogħol, tal-proċess ta' tranżizzjoni ekoloġika u li jidentifikaw mekkaniżmi li jappoġġaw lil dawk l-aktar vulnerabbli u milquta b'mod negattiv mill-proċess, abbażi ta' parteċipazzjoni estensiva kemm mis-soċjetà ċivili kif ukoll mill-istituzzjonijiet pubbliċi; JILQA' l-istabbiliment ta' Osservatorju Ewropew ta' Tranżizzjoni Ġusta mill-Kummissjoni Ewropea; JISĦAQ FUQ l-importanza ta' integrazzjoni strutturali ta' tranżizzjoni ġusta fl-istituzzjonijiet tal-UE;

47. JENFASIZZA l-importanza ta' politiki u miżuri ta' tranżizzjoni ġusti u inklużivi fil-livelli kollha, inkluż permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, impenn imsaħħaħ għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u valutazzjoni intersezzjonali; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u JISTIEDEN lill-Istati Membri jwettqu strutturalment valutazzjonijiet tal-impatt tal-politiki ta' tranżizzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nies, speċjalment dawk li jgħixu fil-faqar jew friskju ta' faqar;
48. JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jintegraw il-perspettiva ta' sostenibbiltà u tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva fis-Semestru Ewropew;
49. JISĦAQ FUQ l-importanza tat-tbassir tal-ħiliet u politiki soċjali u tas-suq tax-xogħol sodi u skemi ta' taħriġ mill-ġdid ta' ħiliet u l-attrazzjoni, iż-żamma u l-isfruttar tat-talent, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika;
50. JAGĦRAF l-importanza ta' perspettiva f'diversi livelli, multisettorjali u b'diversi atturi għal tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva, b'kont meħud tal-perspettiva u r-realtà reġjonali u lokali kif ukoll id-diversità taċ-ċirkostanzi u l-involvement attiv tas-sħab soċjali, is-soċjetajiet ċivili, il-komunitajiet lokali, kif ukoll l-SMEs; JIRRIKONOXXI r-rwol ewlieni mhux biss tal-investimenti fit-teknoloġija, iżda anki fir-riżorsi umani biex it-tranżizzjoni sseħħ fil-prattika; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżgura l-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp Sostenibbli (PCSD) fit-tfassil tal-politika fil-livelli ta' governanza kollha;

51. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara ambjentali għandha, bħala prijorità, tiġi rettifikata fis-sors u li min iniġġes għandu jħallas; JENFASIZZA l-importanza ta' approċċ aktar sistemiku, koerenti, kollaborattiv, ibbażat fuq ir-riskju u integrat fir-rigward tal-istat u l-prospetti tal-valutazzjonijiet ambjentali u fir-rigward tal-azzjonijiet ta' politika; JENFASIZZA LI l-potenzjal tal-analiżi tal-problema fir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali biex jiġu infurmati r-riformi nazzjonali fit-titjeb tal-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja tagħhom bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet tal-politika ambjentali; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni u l-miżuri eżistenti, b'kont meħud tal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi, jisfruttaw l-investimenti, b'mod partikolari għall-awtoritajiet reġjonali u lokali, u jtejbu l-koeżjoni, l-aċċess għall-ġustizzja, il-protezzjoni taċ-ċittadini u t-trasparenza;
52. JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li, f'konformità mar-regoli applikabbli, il-partijiet ikkonċernati jirċievu informazzjoni konkreta minn qabel sew dwar dak li huwa meħtieġ minnhom, biex ikunu jistgħu jadattaw fi żmien debitu għall-bidliet fil-qafas regulatorju;

53. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' finanzjament koerenti, inkluż l-integrazzjoni tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-riskji klimatiċi, il-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari u r-riskji relatati mat-tniġġis u l-implimentazzjoni tal-politika fil-fondi u l-istrumenti finanzjarji rilevanti kollha, u biex jiġi vvalutat mill-ġdid il-finanzjament li jista' jaggrava l-vulnerabbiltajiet u l-inugwaljanzi; JIRRIKONOXXI li investimenti effiċjenti fil-bijodiversità u l-ekosistemi jistgħu jżidu r-reżiljenza u l-kapaċità tagħhom li jipprovdu benefiċċji komprensivi multipli u servizzi vitali tal-ekosistema; JIRRIKONOXXI l-impatti pożittivi sinifikanti li l-programm EU LIFE kellu fuq in-natura Ewropea; JAPPELLA LILL-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar inċentivi ekonomiċi biex jiġu ppreservati ekosistemi b'saħħithom, kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni protetti, u biex jiġu restawrati dawk danneġġati, u toroq għar-razzjonalizzazzjoni tal-finanzjament tal-UE, dak nazzjonali u dak privat f'dak ir-rigward; JILQA' l-Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Pjanijiet tar-riskji klimatiċi biex jinħolqu l-prekundizzjonijiet it-tajba għall-finanzjament tar-reżiljenza għall-klima u biex il-mekkaniżmi ta' solidarjetà tal-UE jibqgħu validi fil-futur u jissaħħu l-inċentivi għal azzjonijiet antiċipatorji; IĦEĠĠEĠ l-iskemi ta' finanzjament rilevanti tal-UE biex iqisu x-xenarji tar-riskju klimatiku fit-tul f'konformità mar-regoli applikabbli; IFAKKAR li l-Prinċipju ta' Min Iniġġes Iħallas huwa kruċjali biex jiġi indirizzat finanzjarjament it-tniġġis, il-ħsara ambjentali u t-telf tal-bijodiversità, u biex jiġu kkompensati l-impatti negattivi filwaqt li tiġi appoġġata l-ġustizzja soċjali;

54. IFAKKAR fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, li jiddikjara li l-Kummissjoni ser twettaq valutazzjonijiet tal-impatt tal-inizjattivi tagħha li huma mistennija li jkollhom impatti ekonomiċi, ambjentali jew soċjali sinifikanti; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' valutazzjonijiet tal-impatt sodi meta jiġu adottati proposti ġodda għal atti leġislattivi, u fejn applikabbli, abbozzi ta' atti delegati u abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni biex jinkisbu stimi aħjar tal-effetti ambjentali, stimi tal-ispejjeż kif ukoll konsegwenzi u benefiċċji soċjoekonomiċi;
55. IHEĠĠĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jiffaċilitaw l-investment, u jimmobilizzaw il-finanzjament privat għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jiżguraw kundizzjonijiet qafas adegwati, itejbu l-proċeduri u l-istandards u jneħħu r-riskji mill-proġetti flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment u istituzzjonijiet finanzjarji oħra, inkluż billi jipprovdu koerenza għall-pjanijiet ta' tranżizzjoni korporattiva; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura l-koerenza tal-kundizzjonijiet ambjentali bejn strumenti ta' finanzjament differenti tal-UE, filwaqt li tissimplifika l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-proċessi attwali "la tagħmilx ħsara sinifikanti", "verifika tar-reżistenza klimatika" u "verifika tas-sostenibbiltà"; JIRRIKONOXXI l-importanza tal-politika u l-leġislazzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli; JENFASIZZA l-importanza li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ċari ta' verifika u ċertifikazzjoni għal investimenti sostenibbli u attivitajiet ekonomiċi sostenibbli filwaqt li jittejbu proċeduri amministrattivi;
56. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' aġenda ta' investment komprensiva u ambjent tan-negozju favorevoli għall-investment, li jsaħħu l-investimenti privati b'appoġġ immirat u li jippromwovu l-investimenti pubbliċi biex jintlaħqu l-oġettivi prijoritarji tat-tranżizzjoni ekoloġika u biex jiġu indirizzati l-lakuni; JISĦAQ FUQ l-importanza tal-valutazzjoni tar-riskji ta' tranżizzjoni u tas-settur tal-assigurazzjoni; JENFASIZZA l-importanza ta' sinerġiji, inkluż bejn ir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali, is-Semestru Ewropew u l-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima taħt l-Unjoni tal-Enerġija;

57. JENFASIZZA r-rwol tal-komunikazzjoni dwar il-benefiċċji komprensivi u transsettorjali tal-protezzjoni ambjentali u dwar l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjonijiet, kif ukoll ir-rwol tal-edukazzjoni ambjentali u klimatika biex tittejjeb l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali u tat-tqajjim tal-kuxjenza biex jiġu stimulati bidliet fl-imġiba, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejriet tal-produzzjoni u l-konsum; IĦEĠĠEĠ lin-negozji jikkondividu informazzjoni bbażata fuq l-evidenza biex il-konsumaturi jingħataw is-setgħa li jiżguraw tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u inklużiva;
58. IFAKKAR LI t-tisħiħ tal-inċentivi ambjentalment pożittivi kif ukoll l-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent, b'mod partikolari s-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx faqar enerġetiku jew tranżizzjoni ġusta mingħajr dewmien, huma kundizzjoni abilitanti importanti biex jintlaħqu l-oġettivi prijoritarji tat-tmien EAP; FILWAQT LI JTENNI f'dan ir-rigward il-kundizzjonijiet abilitanti kif stipulati fl-Artikolu 3h tat-tmien EAP; JAPPELLA GĦAL użu ulterjuri ta' strumenti bbażati fuq is-suq u akkwist pubbliku ekoloġiku biex l-investimenti jiġu diretti lejn oġettivi ekoloġiċi u klimatiċi;
59. JAFFERMA r-rwol trasversali kruċjali ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, f'konformità mad-definizzjoni ta' tagħhom fir-Riżoluzzjoni 5 tal-UNEA 5.2, fl-indirizzar tal-isfidi globali tal-kriżi planetarja tripla; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jipprijoritizzaw l-implimentazzjoni ta' tagħhom, fejn adatt;

60. JENFASIZZA r-rwol ewlieni tar-riċerka u tal-innovazzjoni, u l-importanza tat-trasferiment tas-sejbiet tagħhom fl-użu ta' teknoloġiji u infrastruttura ġodda sikuri, reżiljenti u sostenibbli, u r-rwol ewlieni tad-diġitalizzazzjoni biex jiġu appoġġati l-politiki dwar il-klima u l-ambjent, filwaqt li jiġu minimizzati l-impatti negattivi potenzjali tagħhom u l-impronta tal-karbonju u dik ambjentali u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tkompli tirrazzjonalizza l-oqfsa eżistenti ta' monitoraġġ ambjentali u klimatiku, filwaqt li tiżgura standards għoljin ta' trasparenza, kosteffiċjenza, simplifikazzjoni amministrattiva u aċċess pubbliku għad-data u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki kif ukoll l-iżvilupp reġjonali; JEMMEN LI l-Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali jista' jkun strument xieraq għal dan l-għan;
61. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq objettivi u standards ambjentali armonizzati u ambizzjużi, li huma ekonomikament u teknoloġikament fattibbli biex tidderieġi l-konsum lejn materjali u oġġetti tal-industrija sostenibbli, ċirkolari, b'livell baxx u kważi żero tal-karbonju, mingħajr ma tiġi compromessa l-kapaċità tagħna li nittrasformaw u noħorġu liċenzji għall-attivitajiet ekonomiċi tagħna fi prattiki kompetittivi globali li huma adatti għal Ewropa newtrali għall-klima, ċirkolari, sostenibbli u reżiljenti, u bi proċeduri għall-ħruġ tal-permessi li jiżguraw l-aċċellerazzjoni effiċjenti tat-tranżizzjonijiet kollha, filwaqt li tiżgura ambjent regolatorju effettiv u konsistenti u tinċentiva aktar investiment privat.